MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Appell Kriminali Numru. 40/2014

Il-Pulizija

(Spettur Robert Vella)

vs

**Christopher Mifsud**

**Ommissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christopher Mifsud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. nhar it-22 ta' Settembru, 2011 ghal habta tal-11.45 ta' fil-ghodu, fil-Hamrun, ikkommetta serq, flimkien ma persuna, ohra ta' gojjelli ghad-dannu ta' Emanuel Portelli, persuna li ghandha aktar minn sittin sena, u liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li huwa ta' aktar minn 232.94 euro izda mhux aktar minn 2329.37 euro;
2. nhar it-23 ta' Settembru, 2011 ghal habta tas-7.00 ta' fil-ghaxija fil-Hamrun ikkommetta serq, flimkien ma persuna ohra, ta' gojjelli ghad-dannu ta' Lucy Briffa, persuna li ghandha aktar minn sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li huwa ta' aktar minn 232.94 euro izda mhux aktar minn 2329.37 euro;

3. fl-istess dati u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. fit-22 ta' Settembru 2011 ghal habta tal-11.45 ta' fil-ghodu, fil-Hamrun, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq gizirana tad-deheb ghad-dannu ta' Emanuel Portelli liema hsara ma tiskorrix 116.47 euro;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Portelli skont kif iccertifika Dr.V.Vella Catalano MD (Reg.no 1931) mic-Centru tas-Sahha tal-Florjana;

6. fit-23 ta' Settembru, 2011 ghal habta tas-7.00 ta' fil-ghaxija ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lucy Briffa skont kif iccertifika Dr.C.Mercieca MD (Reg.no2251) mic- Centru tas-Sahha tal-Florjana.

Il-Qorti mitluba wkoll li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-

l-artikoli 18, 221(1), 222A, 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 276A, 279(a), 325(1)(C), 49,50, 289, 31 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Iddikjarat lil Christopher Mifsud hati tal-imputazjonijiet migjuba kontra tieghu ai termini tal-artikoli tal-ligi appena citati. Ikkundannat lil Christopher Mifsud ghal tlett snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Christopher Mifsud minnu pprezentat fil-5 ta' Frar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza fuq indikata tat-28 ta' Jannar 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal piena li hija wahda aktar gusta u ekwa.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-piena hija wahda ezagerata u mhux ekwa ghar-reat li gie misjub hati ghalih. Fl-

ezekuzzjoni tas-serq kien hemm l-appellant u Tristan Falzon. It-tnejn li huma gew ikkundannati l-istess piena ta' prigunerija u cioe' tlett (3) snin. Ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati kellha l-fakulta li tapplika din il-piena fil-konfront ta' Christopher Mifsud ma ghamiltx distinzjoni bejn l-akkuzat Tristan Falzon u l-appellant. Dan kien necessarju fl-applikazzjoni tal-piena minhabba l-fatt li l-fedina penali ta' Tristan Falzon hija hafna izjed kulurita minn dak ta' l-appellant u dina l-Onorabbli Qorti kienet gia tat diversi opportunitajiet li Tristan Falzon sabiex jirriforma ruhhu qabel ma gie ikkundannat tlett (3) snin prigunerija. Din hija storja hafna izjed differenti minn ta' Christopher Mifsud li l-unika precedent li kellhu kien kaz fis-sena elfejn u tmienja. Minkejja dan il-piz ta' l-id tal-gustizzja kienet ezattament l-istess fil-konfront tieghu kif applikata ma Tristan Falzon.

Ghalkemm il-kaz ta' kull imputat ghandu jigi trattat independentament wiehed ma jistax jinjora l-applikazzjoni tal-ligi fil-konfront ta' ko-akkuzati. Wiehed jibda jistaqsi ghaliex l-appellant ma nghatax l-istess opportunitajiet li nghata l-ko-akkuzat tieghu u cioe' l-applikazzjoni ta' 'probation' jew sentenza sospiza. Minkejja dan l-appellant m'huwiex qieghed jippretendi li s-sentenza tieghu tinbiddel ghal wahda mhux effettiva. Huwa jirrikonoxxi li l-azzjonijiet li ghamel huma hziena u ghandu jhallas ghall-ghemil tieghu. Pero huwa jirrikonoxxi l-fatt li m'huwiex ekwu li l-piena tieghu tkun ezattament l-istess bhal dik tal-ko-akkuzat. Frekwentament din il-Oorti, kif ukoll il-Qorti tal-Magistrati tapplika pieni differenti fil-konfront ta' ko-akkuzati. L-appellant ma jafx ghaliex dan ma sarx fil-kaz de quo.

Illi apparti minn dan kollu, l-appellant jsofri mid-dependenza tad-droga u ghalhekk ghandu bzonn il- kura necessarja u idealment jiba jsegwi programm. Bil-piena mposta mill-Qorti tal-Magistrati huwa jkollu jistenna sena ohra qabel ma jkun elegibbli ghal dan il-programm. Imma jekk jinghata sena jew sentejn prigunerija minflok tlieta, kif imposta mill-Qorti tal-Magistrati, huwa jkun elegibbli immedjatament peress huwa jista jibda programm fl-ahhar tmien xhur tas-sentenza. Peress huwa gia skonta parti mill-piena billi kien taht arrest preventiv huwa jkun jissodisfa din il-kundizzjoni. Ghalhekk tenut il-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz ikun hafna izjed ekwu jekk il-piena tieghu tigi ridotta sabiex huwa jkun elegibbli sabiex jibda programm.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena. L-appellant hu tal-fehma li din il-piena hi wahda eccessiva. Fil-fatt, fit-trattazzjoni ta' dan l-appell l-abbli avukat ta' l-appellant Christopher Mifsud gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghal zewg fatturi. L-ewwel wiehed hu li skont il-fehma tieghu l-ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed lill-'pre-sentencing report' redatt mill-Uficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler u fit-tieni lok bil-piena li giet nflitta mill-ewwel Qorti l-appellant kien ser jigi prekluz milli jkompli l-programm ghar-riabilitazzjoni tieghu kontra l-vizzju tad-droga.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha accennat ghal dan ir-rapport f'mod indirett izda li hu car jekk wiehed jaqra l-'pre-sentencing report' u l-parti relativa tas-sentenza li taccenna ghall-fatt li hu ma jikkwalifkax biex jaghmel servizz fil-

komunita'. Ghalhekk dan it-tip ta' argumentazzjoni da parti tal-appellant ma jistax jigi milqugh.

Illi dwar il-fatt tar-riabiltazzjoni tieghu din il-Qorti hi tal-fehma li riduzzjoni fil-piena tkun tista' tkun ta' gid ghall-appellant li ghandu jinghata 'a window of opportunity'.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena ta' tlett snin prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant Christopher Mifsud ghal piena ta' sentejn prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------